



Paġna ewlenija > Kwistjonijiet tal-familja u wirt > Tqegħid ta' minuri f'pajjiż lehor inkl. f'foster family Tqegħid ta' minuri f'pajjiż lehor inkl. f'foster family

Ungerija

1 Liema awtorità għandha tiġi kkonsultata u biex jingħata kunsens minn qabel qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tiegħek?

L-awtorità tat-tutela kompetenti għall-post tar-residenza tat-tutor prospettiv fl-Ungerija tiddeċiedi jekk, abbażi ta' eżami preliminari, jistax jingħata l-kunsens għall-ħatra tal-persuna ikkonċernata bħala tutor.

2 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura għall-konsultazzjoni u l-kisba tal-kunsens (inklużi d-dokumenti meħtieġa, l-iskadenzi, il-modalitajiet tal-proċedura, u dettalji rilevanti oħra) għat-tqegħid transfruntier tat-tfal fit-territorju tiegħek.

Għat-tqegħid ta' minuri abitwalment residenti barra mill-pajjiż ma' tutor fl-Ungerija, l-awtorità tat-tutela kompetenti għall-post tar-residenza tat-tutor prospettiv teżamina, fuq talba tal-Ministeru għall-Intern (*Belügyminisztérium*) wara inkjesta mill-awtorità ċentrali ta' tutela tal-istat barrani rikjedenti, jekk jistax jingħata kunsens għall-ħatra tal-persuna ikkonċernata bħala tutor.

Fuq talba tal-Ministeru għall-Intern bħala l-awtorità ċentrali Ungeriża, l-awtorità tat-tutela tiegħu l-miżuri speċifiki fil-liġi biex tivvaluta l-adegwatezza tat-tutor prospettiv. Hija twestaq jew tikseb verifika tal-preċedenti personali dwar ir-residenza tat-tutor prospettiv. Hija teżamina jekk il-persuna ikkonċernata tkunx legalment intitolata li taġixxi bħala tutor. Abbażi ta' valutazzjoni tal-introjtu tat-tutor prospettiv, hija tiddetermina jekk il-kura tal-minuri fl-Ungerija timponix piż kbir fuq is-servizzi soċjali. Jekk ikun meħtieġ, hija titlob informazzjoni mingħand is-servizzi tal-familja u tal-benessri tat-tfal dwar kwalunkwe karatteristika tal-ħiliet tal-ġenituri tal-persuna ikkonċernata li minħabba fiha ma jkunx rakkomandabbli li tinħatar bħala tutor. L-awtorità tat-tutela tintervista lit-tutor dwar il-pjanijiet futuri tiegħu u, meta jkun xieraq, tivvaluta jekk it-tfal hux se jkollhom aċċess għal kindergarten u edukazzjoni skolastika. Jekk il-minuri jkun se jitqiegħed ma' qraba, huwa rakkomandat ukoll li tiġi vvalutata r-relazzjoni tagħhom mal-minuri, u jekk dak il-qarib ikunx ħa ħsieb il-minuri preċedentement. L-awtorità tat-tutela tuża l-informazzjoni ta' hawn fuq biex tiddetermina jekk jistax jingħata l-kunsens. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni li jingħata l-kunsens, din tintbagħat lill-awtorità ċentrali barranija bl-assistenza tal-awtorità ċentrali Ungeriża.

3 L-Istat Membru tiegħek iddeċieda li mhuwiex meħtieġ il-kunsens għal tqegħid transfruntier ta' tfal fit-territorju tiegħek fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti? Jekk iva, x'inhuma l-kategoriji ta' qraba stretti?

Billi l-Ungerija ma għamlitx dikjarazzjoni skont l-Artikolu 82(2) tar-Regolament, il-kunsens għat-tqegħid ta' minuri fl-Ungerija huwa dejjem meħtieġ meta l-minuri ma jitqiegħedx mal-ġenitur.

4 L-Istat Membru tiegħek għandu fis-seħħ xi ftehimiet jew arranġamenti għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid transfruntier tat-tfal?

Le.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.